31987R4001

L 377/44 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1987

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 4001/87

tat-23 ta' Diċembru 1987

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2783/75 li jistabbilixxi miżuri speċjali għall-ovalbumin u l-lactalbumin

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u fuq it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3985/87 [2], u b'mod partikolari Artikolu 15 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Jannar 1988, nomenklatura magħquda ta' oġġetti bażata fuq Sistema Armonizzata li sejra tilħaq il-ħtiġiet kemm tat-Tariffa Doganali Komuni u tan-nomenklatura ta' l-oġġetti għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità;

Billi, bħala konsegwenza, huwa meħtieġ li jkunu espressi d-deskrizzjonijiet ta' l-oġġetti u n-numri tat-testaturi tat-tariffi li jidhru fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 [3], skond it-termini tan-nomenklatura magħquda; billi dawn l-adattazzjonijiet ma jeħtiġux xi emenda ta' sustanza,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2783/75 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Fil-kummerċ bejn Komunità u pajjiżi terzi, id-dazji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu applikati għall-prodotti li ġejjin:

Kodici NM	Deskrizzjoni
3502	Albumina, albuminati derivattivi oħra ta' l-albumina:
ex 3502 10	– Albumina tal-bajd:
	– – Oħrajn(ħlief dawk li mhux tajbin, jew li jingħamlu mhux tajbin għal-konsum uman):
3502 10 91	– – – Imnixxfa (per eżempju f'folji, skali bċejjeċ, trab)
3502 10 99	– – – Oħrajn:
ex 3502 90	– Oħrajn:
	– – Albumina, barra minn albumina tal-bajd:
	– – – Oħrajn(ħlief dawk li mhux tajbin, jew li jingħamlu mhux tajbin għal-konsum uman):
	– – – – Albumin tal-ħalib (lactalbumin):
3502 90 51	– – – – – Imnixxfa (per eżempju f'folji, skali bċejjeċ, trab)
3502 90 59	– – – – – Oħrajn"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1987.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 376, tal-31.12.1987, p. 1.
[3] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.